



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 14 ta' Frar 2008 (15.02)
(OR. en)**

**16616/1/07
REV 1**

CONCL 3

NOTA TA' TIFSIR

minn: Presidenza

lil: delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSELL
14 ta' DIĊEMBRU 2007**

KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-Konklużjonijiet riveduti tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell (14 ta' Diċembru 2007).

1. Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew kienet preċeduta minn preżentazzjoni mill-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Hans-Gert Pöttering, segwita bi skambju ta' fehmiet.
2. Waqt il-Kunsill Ewropew kien hemm ukoll skambju ta' fehmiet mas-Sur Ernest-Antoine Seillière, President ta' BusinessEurope, u s-Sinjura Maria Helena André, Deputat Segretarju-Ġenerali ta' l-ETUC, fil-preżenza tal-President tal-Parlament Ewropew.
3. Il-Kunsill Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim milħuq fil-KIG fit-18 ta' Ottubru 2007 u l-iffirmar sussegwenti tat-Trattat ta' Lisbona fit-13 ta' Diċembru, kif ukoll il-proklamazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fit-12 ta' Diċembru 2007. Huwa jappella biex il-proċessi ta' ratifika nazzjonali jitlestew malajr bl-għan li t-Trattat ikun jista' jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009.
4. Il-Kunsill Ewropew ser jagħmel rendikont tal-progress dwar il-ħidma preparatorja meħtieġa fejn adatt biex jiġi żgurat il-funzjonament sħiħ tat-Trattat hekk kif dan jidħol fis-seħħ. Huwa jissottolinja n-natura komprensiva ta' dan l-eżerċizzju u l-ħtieġa konsegwenti għal qafas uniku kif ukoll gwida politika fl-ogħla livell. Il-ħidma teknika ser tibda fi Brussell f'Jannar abbażi ta' programm ta' ħidma li ser ikun ippreżentat taħt l-awtorità tal-President li jmiss tal-Kunsill Ewropew.
5. Skond id-Dikjarazzjoni Nru 5 annessa għall-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva, il-Kunsill Ewropew jagħti l-qbil politiku tiegħu dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew li l-Parlament Ewropew approva politikament fil-11 ta' Ottubru 2007, kif rivedut skond id-Dikjarazzjoni Nru 4 annessa għall-Att Finali. Għaldaqstant, il-formulazzjoni tal-premessi Nru 2 u 3 ta' l-abbozz ta' Deċiżjoni ser tiġi adattata biex tirrifletti l-formulazzjoni ta' l-Artikolu 9 A(2) tat-Trattat UE kif emendat bit-Trattat ta' Lisbona u, fit-tabella li tinsab fl-Artikolu 2, iċ-ċifra relatata ma' l-Italja ser tkun "73". Din id-Deċiżjoni ser tiġi adottata mill-iktar fis possibbli wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, skond il-proċedura stabbilita fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 9 A(2) tat-Trattat UE kif emendat bit-Trattat ta' Lisbona. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri biex jadottaw il-miżuri domestiċi meħtieġa mill-iktar fis possibbli sabiex, meta din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ, il-leġislazzjoni nazzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħha tkun fis-seħħ fil-ħin għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew għal-leġislatura 2009-2014.

6. It-Trattat ta' Lisbona jipprovdli lill-Unjoni b'qafas istituzzjonali stabbli u dejjiemi. Ma nistennew l-ebda bidla fil-futur qarib, sabiex l-Unjoni tkun tista' tikkonċentra totalment fuq l-indirizzar ta' l-isfidi konkreti li għandha quddiemha, inklużi l-globalizzazzjoni u l-bidla fil-klima, kif kjament sottolinjat fil-laqgħa informali tal-Kapijiet ta' Stat jew Gvern tad-19 ta' Ottubru 2007 f'Lisbona abbażi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni: "L-Interess Ewropew: Suċċess fl-era tal-globalizzazzjoni". F'dan il-kuntest il-Kunsill Ewropew jadotta Dikjarazzjoni dwar il-Globalizzazzjoni (ara l-Anness).
7. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Istrateġija ta' Tkabbir u jendorsja l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni ta' l-10 ta' Diċembru.

Grupp ta' Riflessjoni "orizzont 2020-2030"

8. Sabiex l-Unjoni tkun megħjuna tantiċipa u tilqa' għall-isfidi b'aktar effettività fit-terminu twil (orizzont 2020 - 2030), il-Kunsill Ewropew jistabbilixxi Grupp ta' Riflessjoni indipendenti. Bl-isfidi mniżżla fid-Dikjarazzjoni ta' Berlin tal-25 ta' Marzu 2007 bħala punt ta' tluq, il-Grupp huwa mistieden jidentifika l-kwistjonijiet u l-iżviluppi ewlenin li l-Unjoni x'aktarx ser tiffaċċja u janalizza kif dawn jistgħu jiġu indirizzati. Dan jinkludi, fost affarijiet oħra: it-tisħiħ u l-modernizzar tal-mudell Ewropew ta' suċċess ekonomiku u responsabbiltà soċjali, it-tisħiħ tal-kompetittività ta' l-UE, l-istat tad-dritt, l-iżvilupp sostenibbli bħala objettiv fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, l-istabbiltà globali, il-migrazzjoni, l-enerġija u l-protezzjoni tal-klima, u l-ġlieda kontra l-insigurtà globali, il-kriminalità internazzjonali u t-terroriżmu. Attenzjoni partikolari għandha tingħata għal modi kif iċ-ċittadini jistgħu jintlaħqu aħjar u kif jistgħu jiġu indirizzati l-aspettattivi u l-ħtiġijiet tagħhom.
9. Il-Grupp għandu jwettaq ir-riflessjonijiet tiegħu fil-qafas stabbilit fit-Trattat ta' Lisbona. Għalhekk hu m'għandux jiddiskuti materji istituzzjonali. Minħabba n-natura ta' terminu twil tiegħu, lanqas m'għandha l-analiżi tiegħu tikkostitwixxi reviżjoni tal-linji ta' politika attwali jew tindirizza l-qafas finanzjarju li ġej ta' l-Unjoni.

10. Fil-**ħidma** tiegħu, il-Grupp ta' Riflessjoni ser ikollu jieħu kont ta' l-iżviluppi probabbli ġewwa u barra l-Ewropa u b'mod partikolari jeżamina kif jista' jsir l-aħjar kontribut fit-terminu twil għall-istabbiltà u l-prosperità kemm ta' l-Unjoni kif ukoll tar-reġjun usa'.
11. Il-Grupp ser ikun ippresedut mis-Sur Felipe González Márquez, assistit minn żewġ Viċi-Presidenti, is-Sinjura Vaira Viķe-Freiberga u s-Sur Jorma Ollila, u mhux ser jinkludi iktar minn 9 membri magħżula mill-Unjoni kollha abbażi ta' mertu. Il-President u l-Viċi-Presidenti huma mistiedna jippreżentaw lista ta' ismijiet biex ikunu kkunsidrati mill-Kunsill Ewropew matul il-Presidenza Franċiża.
12. Il-Grupp ser jikkonsulta kif iqis xieraq u jkun responsabbli għall-organizzazzjoni tal-**ħidma** tiegħu.
13. Il-Grupp għandu jippreżenta r-rapport tiegħu lil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2010.

LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

14. Il-Kunsill Ewropew jilqa' t-tkabbir taż-żona ta' Schengen u l-abolizzjoni tal-**kontrolli fil-fruntieri interni** ta' l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-proġett SISone4ALL, sa mill-21 ta' Diċembru 2007 għall-fruntieri ta' l-art u tal-baħar, u sat-30 ta' Marzu 2008 għall-fruntieri ta' l-ajru, biex b'hekk jiġi estiż il-moviment liberu effettiv tal-persuni.
15. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-istabbiliment tal-**"Jum Ewropew kontra l-Piena tal-Mewt"** fl-10 ta' Ottubru ta' kull sena.
16. L-iżvilupp ulterjuri ta' **politika Ewropea komprensiva dwar il-migrazzjoni** li tikkomplimenta l-linji ta' politika ta' l-Istati Membri tibqa' prijorità fundamentali biex jintlaħqu l-isfidi u jiġu sfruttati l-opportunitajiet li l-migrazzjoni tirrappreżenta f'era ġdida ta' globalizzazzjoni. Għaldaqstant il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa għal impenn politiku mġedded u jieħu nota f'dak ir-rigward tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar politika komuni ta' immigrazzjoni. Huwa jistenna bil-ħerqa l-proposti li jmiss tal-Kummissjoni fl-2008.

17. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi tibqa' essenzjali għall-fini tal-ġestjoni tajba tal-flussi migratorji u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali. Il-Kunsill Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon il-progress imwettaq fl-implimentazzjoni ta' l-**Approċċ Globali għall-Migrazzjoni** fir-rigward ta' l-Afrika u l-Mediterran, partikolarment il-missjonijiet ta' l-UE f'pajjiżi Afrikani u Mediterranji kif ukoll il-progress fl-applikazzjoni ta' dan l-Approċċ Globali għar-reġjuni ġirien fil-Lvant u fix-Xlokk. Huwa jistenna bil-ħerqa l-organizzazzjoni tat-tieni konferenza ministerjali Ewro-Afrikana dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp fl-2008. Huwa jendorsja l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-10 ta' Diċembru 2007 dwar is-sħubija ta' mobbiltà u l-migrazzjoni ċirkolari u jilqa' f'dik il-konnessjoni d-deċiżjoni biex jinfetaħ djalogu bil-ħsieb tat-tnedija ta' sħubiji pilota ta' mobbiltà mall-Kap Verde u r-Repubblika tal-Moldova. Il-Kummissjoni hija mistiedna tirrapporta lura dwar il-progress sa mhux aktar tard minn Ġunju 2008. Il-laqgħa reċenti Ministerjali Ewro-Med dwar il-Migrazzjoni kkontribwixxiet għal aktar żvilupp ta' kooperazzjoni Prattika ma' l-imsieħba Mediterranji fl-oqsma kollha tal-migrazzjoni. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni mit-tieni Summit UE/Afrika ta' Strateġija Konġunta li tidentifika l-migrazzjoni bħala qasam ta' prijorità reċiproka u li għaliha ż-żewġ naħat ser ifittxu soluzzjonijiet komuni; il-Pjan ta' Azzjoni għall-Istrateġija Konġunta fih sħubija dwar il-migrazzjoni, il-mobbiltà u l-impjiegi ma' numru ta' miżuri konkreti li għandhom jittieħdu fit-tliet snin li ġejjin.
18. Il-Kunsill Ewropew jendorsja l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2007 dwar koerenza bejn il-migrazzjoni u l-linji ta' politika dwar l-iżvilupp u jappella għal aktar ħidma f'dan il-qasam. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li jimpenja ruħu aktar fi djalogu ma' l-Amerika Latina u r-reġjun tal-Karibew.

19. Teżisti rabta mill-qrib bejn il-migrazzjoni, l-impjiegi u l-Istrateġija ta' Lisbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi. Il-Kunsill Ewropew jagħraf li l-migrazzjoni jista' jkollha impatt importanti fuq il-potenzjal tat-tkabbir u fuq it-tkabbir ta' l-impjiegi, is-swieq tax-xogħol, il-kapaċità ta' aġġustament, il-produttività, il-kompetittività u l-finanzi pubbliċi, filwaqt li jenfasizza li l-immigrazzjoni mhijiex sostitut għal riformi strutturali. Politika effettiva dwar l-immigrazzjoni għandha tiġi kkunsidrata fid-dawl tan-nuqqasijiet ta' hili u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Il-migrazzjoni tax-xogħol għandha tirrispetta bis-sħiħ l-acquis Komunitarju, il-kompetenzi ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam u l-prinċipju ta' preferenza Komunitarja għaċ-ċittadini ta' l-UE. Filwaqt li jfakkar fil-laqgħa tal-Ministri tal-Ġustizzja u l-Affarjiet Interni mal-Ministri ta' l-Impjiegi u l-Politika Soċjali fis-6 ta' Diċembru, il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid li miżuri għall-promozzjoni ta' l-integrazzjoni huma importanti, kif huma importanti wkoll l-isforzi tal-migranti nnifishom biex jintegraw.
20. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex jipproċedi bil-ħidma fuq il-proposti reċenti tal-Kummissjoni dwar l-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-iskop ta' impjeg bi kwalifiki għoljin u dwar proċedura ta' applikazzjoni waħda u sett komuni ta' drittijiet għall-ħaddiema minn pajjiżi terzi residenti legalment.
21. Il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali teħtieġ miżuri kollettivi u effettivi mmirati lejn ix-xogħol mhux iddikjarat u l-impjeg illegali, partikolarment permezz ta' l-infurzar effettiv ta' sanzjonijiet dissuażivi. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew huma mistednin jilħqu qbil sa mhux aktar tard minn tmiem l-2008 dwar il-proposti għal sanzjonijiet kontra min jimpjega ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti illegalment. Għandu jsir progress ukoll fil-ħidma b'segwitu għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ix-xogħol mhux iddikjarat.

22. Il-ġestjoni tajba tal-flussi tal-migrazzjoni tirrikjedi wkoll li titkompla l-ħidma dwar aktar tisħiħ tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni inkluż l-indirizzar ta' pressjonijiet partikolari li jiffaċċjaw l-Istati Membri, filwaqt li jiġu rispettati l-obbligi internazzjonali kollha. Għaldaqstant il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa l-komunikazzjonijiet li jmiss tal-Kummissjoni fi Frar 2008 dwar sistema ta' dħul/ħruġ fil-fruntieri esterni, dwar l-iżvilupp futur tal-Frontex u dwar Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri.
23. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll il-progress li sar dwar il-proposta għal Direttiva dwar standards u proċeduri komuni fi Stati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment. Hu jissottolinja l-ħtieġa għal ftehim dwar standards komuni fil-qasam tal-politika ta' ritorn u jħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex ikomplu bl-isforzi tagħhom biex tinsab bażi għal ftehim rapidu dwar il-proposta filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull Stat Membru. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-ħtieġa għal politika effettiva ta' l-ammissjoni mill-ġdid u r-ritorn.
24. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa għal progress dwar is-Sistema Ewropea Komuni ta' Asil futura bil-ħsieb tar-realizzazzjoni tagħha sa l-2010. Għal dan il-għan, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-implimentazzjoni ta' l-ewwel fażi u tippreżenta l-inizjattivi meħtieġa fl-2008.
25. L-integrazzjoni hija element ta' importanza kruċjali tal-politika komprensiva Ewropea dwar il-migrazzjoni. Il-Kunsill Ewropew jappella għal koordinazzjoni aħjar bejn il-linji ta' politika ta' migrazzjoni u integrazzjoni. Fil-kuntest tas-sena 2008 ta' djalogu interkulturali l-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jenfasizzaw l-opportunitajiet, il-benefiċċji u l-isfidi tal-migrazzjoni f'Ewropa pluralistika.

26. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-konklużjoni ta' ftehim ta' faċilitazzjoni tal-viżi u ta' ammissjoni mill-ġdid bejn l-Unjoni Ewropea u l-erba' pajjiżi tal-Balkani tal-Punent (il-Bosnja-Herzegovina, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, is-Serbja), l-Ukrajna u r-Repubblika tal-Moldova, kif ukoll il-ftehim ta' faċilitazzjoni tal-viżi ma' l-Albanija, abbażi tal-proċess u l-konsiderazzjonijiet li hemm fl-Approċċ Komuni. Il-faċilitazzjoni tal-viżi għandha ttejjeg lil dawn il-pajjiżi biex jimplimentaw ir-riformi rilevanti u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom ma' l-UE f'oqsma bħat-tiżni ta' l-istat tad-dritt, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-migrazzjoni illegali, u ż-żieda tas-sigurtà ta' dokumenti permezz ta' l-introduzzjoni tal-bijometrika.
27. It-tiżni tal-**kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja** jibqa' prijorità. Il-funzjonament ta' l-Eurojust u ta' l-Europol għandu jtejjeg; għal ta' l-aħħar, dan jeħtieġ li l-Kunsill jilħaq qbil dwar id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-Europol sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Ġunju 2008 u jirrevedi regolarment is-sitwazzjoni attwali tal-Pjan ta' Implimentazzjoni. Il-Kunsill Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon ukoll l-approċċ ġenerali għal Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja. Għandha tiġi infurzata mill-ġdid il-kooperazzjoni permezz ta' rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet kriminali.
28. Il-Kunsill Ewropew jappella għal progress rapidu dwar id-Direttiva dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent permezz tal-liġi kriminali.
29. L-attività terroristika reċenti fl-Ewropa u bosta attakki terroristiċi fi bnadi oħrajn fid-dinja jsaħħu l-hteġa li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati bis-siżni għall-implimentazzjoni ta' l-**Istrateġija Kontra t-Terroriżmu**.

30. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ħidma importanti mwettqa reċentament f'bosta oqsma ta' l-Istrateġija bħal fir-rigward tas-sigurtà ta' l-isplussivi u l-armi, rigward il-kooperazzjoni bejn l-unitajiet speċjali ta' intervent (ATLAS), rigward il-protezzjoni ta' infrastruttura kritika, rigward il-ġlieda kontra t-theddid bijoloġiku, radjoloġiku u theddid non-konvenzjonali ieħor u l-iżvilupp ta' l-arranġamenti għal koordinazzjoni ta' kriżijiet ta' l-Unjoni. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ħatra mis-SĠ/RĠ ta' Gilles de Kerchove bħala l-Koordinatur Kontra t-Terroriżmu. Hu jilqa' s-suġġerimenti magħmulin mill-Koordinatur għal Kontra t-Terroriżmu bil-ħsieb li tissaħħaħ aktar l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija għal Kontra t-Terroriżmu u jappella li l-ħidma fuqhom titkompla rapidament.
31. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ħidma mwettqa reċentement taħt l-Istrateġija ta' l-Unjoni Ewropea Kontra r-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ għat-Terroriżmu speċjalment dwar ir-radikalizzazzjoni taż-żgħażaġh u r-rwol ta' l-internet. Huwa jappella biex din tissaħħaħ aktar partikolarment permezz ta' programmi u strumenti settorjali ta' l-UE kemm fl-Unjoni kif ukoll f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. Għal dak l-għan, huwa jinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li matul l-2008 tippreżenta komunikazzjoni dwar l-aħjar Prattiki kontra r-radikalizzazzjoni vjolenti.
32. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi **Mekkaniżmu** Komunitarju għall-**Protezzjoni Ċivili** (mfassla mill-ġdid) u jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħmlu l-aħjar użu minn dan l-istrument, flimkien ma' l-Istrument Finanzjarju għall-protezzjoni ċivili, bil-ħsieb li jkunu lesti biex ilaħħqu ma' emerġenzi magħguri fil-futur. F'dan il-kuntest il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa l-proposta li jmiss tal-Kummissjoni dwar it-tisħieħ tal-kapaċità ta' l-Unjoni għar-rispons għad-diżastri.
33. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid il-hteġa li jittejjeb l-**aċċess għall-ġustizzja** fl-Unjoni Ewropea permezz ta' proċeduri ssimplifikati u aktar effiċjenti u aċċessibbli, jilqa' l-kisbiet fil-qasam tal-ġustizzja elettronika u jappella għall-kontinwazzjoni tal-ħidma.

34. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ftehim politiku dwar id-Direttiva dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni dwar kwistjonijiet ċivili u kummerċjali li ser jippermettu liċ-ċittadini u n-negozji jkollhom aċċess għal mekkaniżmu alternattiv ta' riżoluzzjoni ta' tilwim li jippermettilhom isolvu t-tilwim transkonfini tagħhom b'mod effettiv u fuq ir-Regolament dwar il-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali (Ruma I), li huma elementi importanti ta' l-Ispazju Ġudizzjarju Ewropew.
35. Il-Kunsill huwa mistieden isib soluzzjonijiet għar-Regolament dwar il-ġurisdizzjoni u l-liġi applikabbli fi kwistjonijiet matrimonjali (Ruma III). Huwa mistieden ukoll jilħaq ftehim dwar ir-Regolament dwar l-obbligi ta' manteniment b'kont meħud tal-ftehim reċenti dwar il-Konvenzjoni ta' l-Aja dwar l-Irkupru Internazzjonali ta' Appoġġ għat-Tfal u forom oħra ta' Manteniment Familjari. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-iffirmar tal-Konvenzjoni l-ġdida ta' Lugano dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali u jappella għar-ratifika rapida tagħha.
36. Waqt li jfakkar il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8/9 ta' Novembru 2007 dwar il-ġlieda kontra **ċ-ċiberkriminalità**, il-Kunsill Ewropew jenfasizza li hemm hteġa għal passi ulterjuri lejn l-adozzjoni ta' politika koerenti ta' l-UE f'dan ir-rigward.
37. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ħidma kurrenti fil-Kunsill u fil-Kummissjoni rigward il-**protezzjoni tat-tfal**.

KWISTJONIJIET EKONOMIĊI, SOĊJALI U AMBJENTALI

38. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-preżentazzjoni tar-Rapport Strateġiku tal-Kummissjoni li jivvaluta l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' Lisbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi mġedda u li jagħmel proposti għaċ-ċiklu ta' tliet snin li jmiss, inkluż sett ġdid ta' Linji Gwida Integrati, rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u programm Komunitarju ta' Lisbona ġdid. Il-Kunsill Ewropew jappella biex titkompla rapidament il-ħidma għat-tnedija taċ-ċiklu li jmiss fil-laqgħa tiegħu ta' Marzu 2008. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja r-rwol tal-Programm Komunitarju ta' Lisbona l-ġdid għall-approċċ ta' sħubija. Dan il-Programm għandu jżid valur fil-livell Komunitarju biex titjieb il-koerenza tar-riformi u jiġu massimizzati effetti pożittivi ta' tixrid.
39. L-Istrateġija ta' Lisbona bdiet tagħti riżultat. L-erba' oqsma prijoritarji ta' riforma identifikati mill-Kunsill Ewropew fir-Rebbiegħa 2006 għadhom validi: l-għarfien u l-innovazzjoni, l-ambjent kummerċjali, l-impjieg u l-enerġija u l-bidla fil-klima. B'hekk, waqt li sfidi li qed jevolvu jeħtieġ li jiġu indirizzati, il-Linji Gwida Integrati m'għandhomx bżonn bidla fundamentali. Il-fokus prinċipali taċ-ċiklu l-ġdid ta' l-Istrateġija ta' Lisbona għandu jkun fuq l-implimentazzjoni u l-provvista ta' riformi. Diskussjonijiet preliminari fil-livell tal-Kunsill diġà identifikaw il-ħtieġa għal azzjoni xierqa f'oqsma bħar-Riċerka Ewropea, mekkaniżmi ta' innovazzjoni, SMEs, is-Suq Uniku, kompetizzjoni, modernizzazzjoni ta' l-amministrazzjoni pubblika, edukazzjoni u ħiliet, flessigurtà, miżuri biex tiżdied il-parteeipazzjoni tax-xogħol, inklużjoni soċjali, koeżjoni territorjali, enerġija, bidla fil-klima, il-viżibbiltà tad-dimensjoni soċjali, sostenibbiltà u kwalità tal-finanzi pubbliċi. Dan l-isforz għandu jindirizza l-livell ta' azzjoni nazzjonali, Komunitarju u dak estern.
40. Ir-rwol tal-livell reġjonali biex jingħataw tkabbir u impjiegi għandu wkoll jiżdied, kif rikonoxxut fil-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi tal-politika ta' koeżjoni li jkopru l-2007-2013. Il-kaxxa ta' l-għodda ta' Lisbona għandha tintuża bis-sħiħ billi tissaħħaħ il-koordinazzjoni orizzontali eżistenti, bl-iżvilupp ta' komunikazzjoni mfassla apposta u l-involvement tal-partijiet interessati rilevanti kollha.

41. Il-promozzjoni tat-trijanglu ta' l-**għarfien** (edukazzjoni-riċerka-innovazzjoni) hija ċentrali għall-Ewropa tal-futur u għall-iżvilupp ta' ekonomiji bbażati fuq l-għarfien. Il-Kunsill Ewropew għaldaqstant jilqa' l-istabbiliment ta' l-Istitut Ewropew ta' l-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u ta' l-ewwel Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti bħala sħubiji pubbliċi-privati innovattivi f'oqsma strateġiċi. Huwa jappella lill-Istati Membri biex jimpenaw ruħhom b'mod aktar attiv fl-implimentazzjoni ta' infrastrutturi għar-riċerka pan-Ewropej.
42. Ir-riżorsi umani għax-xjenza u t-teknoloġija fl-Ewropa jeħtieġ jiżdiedu u jeħtieġ tingħata spinta lill-attrattività ta' l-Ewropa għal xjentisti bi kwalifiki għoljin: il-Kunsill Ewropew għalhekk jendorsja l-konklużjonijiet maqbulin mill-Kunsill f'Novembru 2007 dwar il-futur tax-xjenza u t-teknoloġija fl-Ewropa, kif ukoll dwar l-immodernizzar ta' l-universitajiet. Waqt li jfakkar fl-istrateġija ta' bażi wiesgħa dwar l-innovazzjoni adottata fl-2006, il-Kunsill Ewropew jenfasizza r-rilevanza ta' l-inizjattivi tal-Kummissjoni dwar l-akkwist pubbliku u l-innovazzjoni fis-servizzi u jistedinha tikkumplementahom bl-inizjattivi mistennija li fadal. L-għoti **ta' tagħlim tul il-ħajja** liċ-ċittadini kollha, flimkien mad-dimensjoni soċjali tiegħu, hu ta' importanza partikolari għal aktar impjiegi u impjiegi aħjar. Għalhekk, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jagħtu prijorità lill-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma Edukazzjoni u Taħriġ u tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki kif ukoll lill-inizjattiva "Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Ġodda" u għall-promozzjoni ta' aktar mobbiltà.
43. Il-Kunsill Ewropew jikkonferma d-deċiżjoni integrata tal-Kunsill dwar il-finanzjament, il-governanza, u l-politika ta' akkwist għall-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita **EGNOS u Galileo**. Dan il-proġett prinċipali għall-UE ser jipprovdi sa l-2013 infrastruttura globali ta' navigazzjoni bis-satellita, u b'hekk joħloq effiċjenzi ekonomiċi mtejba, impjiegi li jirrikjedu kwalifiki għoljin, u opportunitajiet ġodda għal servizzi u applikazzjonijiet avvanzati fl-UE kollha.
44. Il-Kunsill Ewropew jendorsja l-**Aġenda** Ewropea **għall-Kultura** li tikkostitwixxi pass importanti lejn żieda fil-koerenza u l-viżibbiltà ta' l-azzjoni ta' l-UE f'dan il-qasam, filwaqt li jiġi massimizzat il-potenzjal ta' l-industriji kulturali u kreattivi speċjalment safejn huma kkonċernati l-SMEs, għalhekk tikkontribwixxi għall-għanijiet ta' l-Aġenda ta' Lisbona.

45. Is-**Suq Uniku** kien mingħajr dubju suċċess u jibqa' pre-rekwiżit għat-tkabbir u l-prosperità fl-Unjoni. Waqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Kompetittività fit-22/23 ta' Novembru 2007, il-Kunsill Ewropew jisħaq li approċċ integrat għall-Kompetittività Ewropea għandu jitravwem permezz ta' politika industrijali sostenibbli, magħquda ma' l-innovazzjoni u l-ħiliet, filwaqt li tiġi żviluppata d-dimensjoni esterna tagħha biex jiġi żgurat ambjent ta' kompetizzjoni ugwali. Teħtieġ aktar ħidma biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ ta' Unjoni mkabbra, fost oħrajn, billi jiġu indirizzati l-ostakoli li fadal u billi l-konsumaturi u l-SMEs ikunu jistgħu jieħdu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet tas-Suq Uniku. Biex tiġi promossa l-kompetittività Ewropea f'dinja globalizzata, is-Suq Uniku jeħtieġ ukoll li jkollu orjentazzjoni aktar lejn l-estern. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-preżentazzjoni reċenti mill-Kummissjoni tar-Reviżjoni tas-Suq Uniku, akkumpanjata minn komunikazzjoni dwar servizzi ta' interess ġenerali inklużi s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, u jistieden lill-Kunsill jeżamina l-inizjattivi mniżżlin fir-Reviżjoni biex ikunu jistgħu jintlaħqu konklużjonijiet għal prioritajiet għal azzjoni ulterjuri fil-laqgħa tiegħu tar-Rebbiegħa 2008.
46. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza r-rwol kruċjali li għandu t-**turiżmu** fil-ġenerazzjoni tat-tkabbir u l-impjiegi fl-UE u jappella lill-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-industrija u partijiet interessati oħrajn biex jaħdmu flimkien għall-implimentazzjoni f'waqtha ta' l-Aġenda adottata reċentament għal turiżmu Ewropew sostenibbli u kompetittiv.

47. Il-kondizzjonijiet qafas għan-**negożju**, b'mod partikolari l-**SMEs**, għandhom ikomplu jittejbu. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta komunikazzjoni dwar "Att dwar in-Negożji ż-Żgħir għall-Ewropa" fl-2008 bil-għan li jintuża l-potenzjal sħiħ ta' l-SMEs. Fir-rigward ta' l-aġenda għal **Regolamentazzjoni Aħjar**, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress li sar lejn il-mira konġunta ta' tnaqqis ta' 25% tal-piżijiet amministrattivi sa l-2012 li jirriżultaw mil-leġislazzjoni ta' l-UE, u jħeġġeġ lil dawk l-Istati Membri li għad ma għamlux hekk biex jistabbilixxu miri nazzjonali ta' ambizzjoni komparabbli sa l-2008, b'kont meħud tal-punti tat-tluq u t-tradizzjonijiet differenti u l-importanza partikolari ta' dan l-eżerċizzju għall-SMEs. L-immodernizzar ta' l-**amministrazzjoni pubblika** huwa ċentrali fit-titjib ta' l-effiċenzja u l-effettività tal-finanzi pubbliċi. Ir-riformi f'dan il-qasam għandhom għalhekk isirulhom analiżi regolari u skambju ta' l-aħjar Prattika partikolarment fil-kuntest tal-Programmi ta' Riforma Nazzjonali ta' Lisbona. F'dan il-kuntest, il-potenzjal ta' l-inizjattivi tal-Gvern elettroniku għandu jiġi esplorat, skond l-erba' azzjonijiet ta' politika mniżżlin fid-Dikjarazzjoni Ministerjali (Lisbona, Settembru 2007).
48. Il-Kunsill Ewropew, fid-dawl ta' l-iżviluppi reċenti fis-**swieq finanzjarji**, jenfasizza li l-bażijiet fundamentali makroekonomiċi fl-UE huma sodi u li huwa mistenni tkabbir ekonomiku sostnut. Monitoraġġ kontinwu tas-swieq finanzjari u ta' l-ekonomija hu kruċjali, peress li jibqgħu l-inċertezzi. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tat-temi identifikati fil-programm ta' ħidma adottat mill-Kunsill fid-9 ta' Ottubru 2007 mmirat biex, flimkien ma' l-imsieħba internazzjonali ta' l-UE, titjieb it-trasparenza għall-investituri, is-swieq u r-regolaturi, jitjiebu l-istandards tal-valutazzjoni, jitjieb il-qafas prudenzjali, il-maniġġar tar-riskju u s-superviżjoni tas-settur finanzjarju kif ukoll li jiġi rivedut il-funzjonament tas-swieq, inkluż ir-rwol ta' l-aġenziji ta' klassifikazzjoni ta' kreditu. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-passi sinifikanti adottati reċentement fir-rigward tat-tisħiħ ta' l-arranġamenti ta' l-UE għall-istabbiltà finanzjarja u jinkoraġġixxi bil-qawwa s-segwitu adatt tagħhom. Huwa ser jerġa' lura għal dawn il-kwistjonijiet fil-laqgħa tiegħu tar-Rebbiegħa 2008 abbażi ta' rapport ta' progress.

49. **Fil-qasam ta' l-impjiegi u tal-politika soċjali**, il-Kunsill Ewropew jendorsja l-ftehim dwar il-prinċipji komuni dwar il-flessigurtà milħuq fil-Kunsill fil-5/6 ta' Diċembru 2007 u jistieden lill-Istati Membri biex iqisu sew dawn il-prinċipji meta jkunu qed jiżviluppaw u jimplementaw linji ta' politika nazzjonali orjentati lejn il-flessigurtà. Il-Kunsill Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon l-analiżi konġunta ta' l-imsieħba soċjali Ewropej dwar is-swieq tax-xogħol u jissottolinja r-rwol importanti tagħhom fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politika dwar il-flessigurtà. Huwa jilqa' wkoll il-konsultazzjonijiet kurrenti dwar il-valutazzjoni tar-realtà soċjali, li jwittu t-triq għal Aġenda Soċjali mġedda u moderna għall-Ewropa. L-approċċ ta' ċiklu tal-ħajja lejn ix-xogħol għandu jiġi żviluppat billi titrawwem xjuħija attiva u bl-immodernizzar tas-sistemi tal-pensjoni, biex tiġi żgurata sostenibbiltà finanzjarja, ekonomika u soċjali, billi l-Patt għaż-Żgħażaġħ u l-Patt għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi jsiru aktar operattivi inklużi l-monitoraġġ u l-integrazzjoni effettivi, kif ukoll permezz ta' l-isfruttament tal-possibbiltajiet offruti mill-Alleanza Ewropea għall-Familji. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-iżviluppi reċenti rigward djalogu strutturat u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-Livell Ewropew.
50. Il-linji ta' politika ta' **inklużjoni** attiva għandhom jiġbru flimkien l-integrazzjoni fis-swieq tax-xogħol, il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, il-motivazzjoni biex wieħed ifittex impjieg b'mod attiv, appoġġ tad-dħul adegwat u ta' kwalità, u servizzi soċjali aċċessibbli u effettivi . Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid wkoll l-impenn tiegħu ma' l-aġenda għal xogħol deċenti bħala strument globali għall-promozzjoni ta' l-impjiegi, ta' standards tax-xogħol aħjar u biex jitrawwem l-iżvilupp. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-riżultati tas-**Sena Ewropea ta' l-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd** u jistieden lill-Istati Membri biex isaħħu l-isforzi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni ġewwa u barra s-suq tax-xogħol. F'dan ir-rigward il-Kunsill Ewropew, konxju mis-sitwazzjoni speċifika ħafna li qed jaffaċċjaw ir-Roma fl-Unjoni kollha, jistieden lill-Istati Membri u lill-Unjoni jużaw il-mezzi kollha biex itejbu l-inklużjoni tagħhom. Għal dan il-għan hu jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-linji ta' politika u l-istrumenti eżistenti u tirrapporta lill-Kunsill dwar il-progress miksub qabel l-aħħar ta' Ġunju 2008.

51. Fir-rigward ta' **l-enerġija u l-bidla fil-klima**, il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza li jiġu implimentati, f'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2007, l-aspetti kollha tal-Pjan ta' Azzjoni komprensiv 2007-2009 endorsjat fir-Rebbiegħa li għaddiet bil-ksieb li jiġu avvanzati t-tliet objettivi tal-**Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa**: is-sigurtà tal-provvista, il-kompetittività u l-bidla fil-klima.
52. Hu għaldaqstant:
- jieħu nota tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija ta' l-Enerġija" (Pjan SET) kif ukoll id-dokument ta' viżjoni dwar it-Teknoloġiji ta' l-Enerġija; għandha tiġi avvanzata l-ħidma biex jiġi pprovdut qafas li jiffaċilita t-tħaffif tal-bidla teknoloġika inkluż l-ippjanar strateġiku, implimentazzjoni aktar effettiva, żieda fir-riżorsi u approċċ msaħħaħ għall-kooperazzjoni internazzjonali dwar l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'użu baxx ta' karbonju;
 - jinnota l-progress miksub fid-diskussjonijiet dwar it-tielet pakkett tas-suq intern għall-gass u l-elettriku li għandu jittkompla malajr bil-ksieb li jintlaħaq qbil f'waqtu matul l-2008;
 - fir-rigward ta' strumenti relatati ma' l-enerġija rinnovabbli u strumenti relatati mal-bidla fil-klima, jistenna bil-ħerqa t-tieni sett ta' proposti leġislattivi tal-Kummissjoni, mistenni f'Jannar 2008, u jisħaq dwar l-importanza ta' qbil f'waqtu dwar dawk il-proposti.
53. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza tal-linji ta' politika ta' l-UE, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' sistema tat-trasport sostenibbli kif inniżżel fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2007.

54. **Il-Konferenza ta' Bali tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-Bidla fil-Klima** għandha twieġeb għall-ħtieġa urġenti ta' azzjoni globali kif identifikat fir-Raba' Rapport ta' Valutazzjoni tal-Panel Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima u taqbel biex jinbnew negozjati li sa l-2009 jwasslu għal ftehim globali, komprensiv u effettiv għal wara l-2012. B'rabta ma' dan il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2007 li stabbilixxew fid-dettall l-oġettivi u l-elementi li l-Unjoni hija konvinta għandhom jagħmlu parti mill-ftehim futur u li għandhom jiggwidaw il-proċess ta' negozjati.
55. Il-Kunsill Ewropew ifakkar ukoll fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19-20 ta' Novembru dwar Alleanza Globali dwar il-Bidla fil-Klima bejn l-UE u l-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li ser tipprovdi pjattaforma għad-djalogu u l-kooperazzjoni fl-oqsma ta' adattament għall-bidla fil-klima u li tippromwovi tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u tintegra l-bidla fil-klima fl-isforzi għat-tnaqqis tal-faqar fl-aktar pajjiżi vulnerabbli.
56. **L-iżvilupp sostenibbli** huwa oġettiv fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ewwel rapport ta' progress tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija mgħedda ta' l-UE għal Iżvilupp Sostenibbli (SDS). Hu jaqbel li l-oġettivi u l-prijoritajiet taħt is-seba' sfidi ewlenin li jinsabu f'dik l-istrateġija jibqgħu totalment validi u li għalhekk il-fokus prinċipali għandu jkun fuq implimentazzjoni effettiva fil-livelli kollha. L-istrateġija mgħedda ta' l-UE u l-istrateġiji nazzjonali għal żvilupp sostenibbli ukoll jeħtieġ li jkunu marbutin eqreb flimkien. L-istruttura u l-għodod ta' governanza ta' l-SDS, partikolarment dwar il-monitoraġġ tal-progress u l-kondiviżjoni ta' l-aħjar prattika, għandhom jintużaw b'mod sħiħ u jissaħħu. Il-politika integrata ta' l-UE dwar il-klima u l-enerġija u approċċ integrat għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, il-protezzjoni tal-bijodiversità u s-servizzi marbuta ma' l-ekosistema u l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli huma fost il-mexxejja biex jinkisbu l-oġettivi kemm taħt l-SDS kif ukoll taħt l-istrateġija ta' Lisbona. L-UE għandha tkompli taħdem biex timxi lejn trasport aktar sostenibbli u mezzi ta' trasport li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. Il-Kummissjoni hija mistiedna biex, flimkien mar-rapport ta' progress li jmiss tagħha dwar l-SDS f'Ġunju 2009, tippreżenta roadmap li tistabbilixxi l-azzjonijiet li għad iridu jiġu implimentati bl-oġhla prijetà.

57. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar **l-iskarsezza ta' l-ilma u n-nixfa** u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport fl-2008 u, abbażi ta' dan, tirrevedi u tkompli tiżviluppa l-istrateġija ta' l-UE li qiegħda tevolvi sa l-2012, b'kont meħud tad-dimensjoni internazzjonali. Huwa jirrikonoxxi wkoll il-bżonn li tissaħħaħ ir-rabta bejn il-Kummerċ u l-Bijodiversità fil-livell Ewropew, u jilqa' b'sodisfazzjon l-Inizjattiva ta' l-UE dwar il-Kummerċ u l-Bijodiversità u l-impenn mill-Kummissjoni biex tipprovdi appoġġ tekniku.
58. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar **politika marittima integrata** għall-Unjoni Ewropea u l-Pjan ta' Azzjoni propost li jistabbilixxi l-ewwel passi konkreti fl-iżvilupp ta' approċċ integrat lejn l-affarijiet marittimi. Il-parteċipazzjoni wiesgħa fil-konsultazzjoni pubblika preċedenti u d-dibatittu komprensiv fil-Konferenza Ministerjali f'Lisbona rriflettew l-interess li l-partijiet interessati juru għall-iżvilupp ta' din il-politika. Il-politika marittima integrata futura għandha tiżgura sinerġiji u koerenza bejn il-linji ta' politika settorjali, iġġib valur miżjud u tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju ta' sussidjarjetà. Barra minn hekk, hi għandha tkun żviluppata bħala għodda biex tindirizza l-isfidi li jiffaċċjaw l-iżvilupp sostenibbli u l-kompetittività ta' l-Ewropa. Hija għandha tiegħu kont partikolari ta' l-ispeċifitàjiet differenti ta' l-Istati Membri u r-reġjuni marittimi speċifiċi li għandhom jappellaw għal kooperazzjoni akbar, inklużi l-gżejjer, l-arċipelagi u r-reġjuni l-aktar imbegħdin kif ukoll tad-dimensjoni internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-konklużjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marina bħala l-pilastru ambjentali ta' din il-politika. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq l-inizjattivi u l-proposti li hemm fil-Pjan ta' Azzjoni u jappella biex Presidenzi futuri jaħdmu fuq l-istabbiliment ta' politika marittima integrata għall-Unjoni. Il-Kummissjoni hija mistiedna tirrapporta dwar il-progress miksub lill-Kunsill Ewropew fi tmiem l-2009.
59. Mingħajr preġudizzju għall-politika marittima integrata, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija ta' l-UE għar-reġjun tal-**Baħar Baltiku** mhux aktar tard minn Ġunju 2009. Din l-istrateġija għandha fost l-oħrajn tgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali urġenti relatati mal-Baħar Baltiku. Il-qafas tad-Dimensjoni tat-Tramuntana jipprovdi l-bażi għall-aspetti esterni ta' kooperazzjoni fir-reġjun tal-Baħar Baltiku.

60. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija ta' l-2004 għar-**Reġjuni l-Aktar Imbegħdin** li jsemmi r-riżultati pożittivi tagħha u jippreżenta l-prospetti futuri għall-azzjonijiet Komunitarji f'dawk ir-reġjuni. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess il-konklużjonijiet tal-konsultazzjoni pubblika li ġiet immedija u jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-proposti rilevanti sa mhux aktar tard minn Ottubru 2008.
61. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-Raba' **Rapport ta' Koeżjoni** u jissottolinja l-importanza tad-dibattitu dwar il-futur ta' din il-politika fundamentali, mibdi fil-Forum ta' Koeżjoni, f'Settembru, u ssukktat fil-laqgħa ministerjali informali dwar il-Politika Reġjonali, f'Novembru.

RELAZZJONIJIET BARRANIN

62. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza ta' l-approfondiment tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-imsieħba tagħha f'dinja dejjem aktar globalizzata. Is-Summits li saru dan is-semestru mal-Brażil, ir-Russja, l-Ukraina, iċ-Ċina, l-Indja, l-ASEAN u l-Afrika kkontribwew biex isaħħu r-relazzjonijiet ta' l-UE ma' dawn l-imsieħba u għat-tisħiħ tal-bażi komuni biex jiġu trattati sfidi globali.
63. Is-summit li sar f'Lulju mal-**Brażil** nieda sħubija strateġika, li timmira li ttejjeb ir-relazzjoni bilaterali u d-djalogu politiku dwar kwistjonijiet globali u reġjonali kif ukoll il-kooperazzjoni dwar firxa wiesgħa ta' oqsma ta' interess komuni.

64. Il-Kunsill Ewropew jilqa' t-tieni **Summit UE/Afrika** li sar fit-8/9 ta' Diċembru f'Lisbona. Is-Summit esprima d-determinazzjoni taż-żewġ naħat li jimxu lejn livell għdid fir-relazzjoni tagħhom. Għal dan l-għan kienet adottata Strateġija Konġunta Afrika/UE kif ukoll Pjan ta' Azzjoni mmirat biex jiżgura riżultati konkreti dwar l-ambizzjonijiet politiċi u ta' żvilupp għodda. Is-Summit qabel li jistabbilixxi 8 sħubiji dwar il-Paċi u s-Sigurtà, il-Governanza Demokratika u d-Drittijiet tal-Bniedem, l-Integrazzjoni Kummerċjali u Reġjonali, l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, l-Enerġija, il-Bidla fil-Klima, il-Migrazzjoni, il-Mobbiltà u l-Impjiegi, u x-Xjenza, is-Soċjetà ta' l-Infurmazzjoni u l-Ispazju. Dawn is-sħubiji ser jippermettu l-indirizzar konġunt ta' kwistjonijiet ta' interess reċiproku, inkluż ta' natura globali, kif ukoll li l-UE tiġi meġhuna tagħti kontribut aħjar għall-iżvilupp Afrikan. Il-Kunsill Ewropew jagħraf li sabiex matul it-tliet snin li ġejjin jintlaħqu riżultati konkreti u tanġibbli, ser ikunu meħtieġa sforzi addizzjonali u magħquda mill-atturi rilevanti kollha.
65. Dwar il-**Kosovo**, il-Kunsill Ewropew innota l-konklużjoni tal-proċess tat-Trojka fl-10 ta' Diċembru u r-rapport finali ppreżentat mill-Grupp ta' Kuntatt lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Huwa esprima l-gratitudni tiegħu lit-Trojka talli esplorat mingħajr heda l-possibbiltajiet kollha biex tiġi żgurata soluzzjoni negozjata għall-istatus tal-Kosovo. B'mod partikolari, huwa rringrazzja lill-Ambaxxatur Wolfgang Ischinger, ir-Rappreżentant ta' l-UE għat-Trojka, għall-isforzi tiegħu.
66. Il-Kunsill Ewropew issottolinja li l-proċess tan-negozjar iffaċilitat mit-Trojka bejn il-partijiet dwar l-istatus futur tal-Kosovo ġie eżawrit. F'dan il-kuntest, huwa ddispijaċi li ħafna li ż-żewġ partijiet ma setgħux jilhqqu qbil reċiproku aċċettabbli minkejja l-isforzi komprensivi u ta' rieda tajba tat-Trojka, appoġġati bis-sħiħ mill-Istati Membri ta' l-UE.
67. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-fatt li ż-żewġ partijiet impenjaw ruħhom ripetutament matul il-proċess tat-Trojka li jżommu lura minn kwalunkwe attività jew dikjarazzjoni li tista' tipperikola s-sitwazzjoni ta' sigurtà u li jevitaw il-vjolenza. Dan l-impenn għall-paċi, li huwa wkoll importanti għall-istabbiltà reġjonali, għandu jkompli.

68. Il-Kunsill Ewropew qabel mas-Segretarju Ġenerali tan-NU li l-istatus quo fil-Kosovo mhux sostenibbli u, għalhekk, saħaq dwar il-ħtieġa li jkun hemm avvanz lejn soluzzjoni tal-kwistjoni tal-Kosovo, li hija essenzjali għall-istabbiltà reġjonali. Tali soluzzjoni għandha tiżgura Kosovo demokratiku u multi-etniku impenjat għall-istat tad-dritt, u għall-protezzjoni tal-minoritajiet u tal-wirt kulturali u reliġjuż.
69. Il-Kunsill Ewropew issottolinja l-konvinzjoni tiegħu li s-soluzzjoni ta' l-istatus pendent tal-Kosovo tikkostitwixxi każ sui generis li ma jistabbilixxi l-ebda preċedent.
70. Il-Kunsill Ewropew innota li l-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ser jindirizza din il-kwistjoni f'Diċembru. Il-Kunsill Ewropew issottolinja li l-UE tinsab lesta li jkollha rwol ċentrali fit-tisħiħ ta' l-istabbiltà fir-reġjun u fl-implimentazzjoni ta' soluzzjoni li tiddefinixxi l-istatus futur tal-Kosovo. Huwa ddikjara li l-Unjoni Ewropea lesta tassisti lill-Kosovo fil-mixja lejn l-istabbiltà sostenibbli, inkluż permezz ta' missjoni tal-PESD u kontribut għal uffiċċju ċivili internazzjonali bħala parti mill-preżenzi internazzjonali. Il-Kunsill Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni huwa mistieden jiddetermina l-modalitajiet għall-missjoni u meta din għandha titnieda. Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli huwa mitlub iħejji l-missjoni f'diskussjoni ma' l-awtoritajiet responsabbli fil-Kosovo u n-Nazzjonijiet Uniti. L-UE ser tkun lesta wkoll tassisti l-iżvilupp ekonomiku u politiku permezz ta' prospettiva Ewropea ċara, f'konformità mal-perspettiva Ewropea tar-reġjun.
71. Il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid li l-futur tal-Balkani tal-Punent jinsab fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Huwa kkunsidra li Serbja stabbli u prospera, integrata bis-sħiħ fil-familja tan-nazzjonijiet Ewropej hija importanti għall-istabbiltà tar-reġjun. F'dan ir-rigward, huwa ħeġġeġ lis-Serbja tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa biex il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tagħha jkun jista' jiġi ffirmat malajr u, fid-dawl tal-kapaċità istituzzjonali konsiderevoli tas-Serbja, u waqt li jfakkar fil-konkluzzjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2006, tenna l-fiduċja tiegħu li l-progress fit-triq lejn l-UE, inkluż l-istatus ta' kandidat, jista' jiġi aċċellerat.

72. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid li l-**Politika Ewropea tal-Viċinat** (PEV) hija prijorità ċentrali fl-azzjoni esterna ta' l-UE. Il-Kunsill Ewropew, waqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2007 u waqt li jżomm f'moħħu n-natura tal-PEV bħala qafas ta' politika uniku u koerenti li jsegwi l-prinċipju ta' differenzjazzjoni, jilqa' l-progress miksub. Huwa jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2007 kif ukoll ir-riżultati tal-Konferenza tal-PEV fit-3 ta' Settembru 2007 u jistieden lill-Presidenzi li ġejjin biex imexxu din il-ħidma 'l quddiem sabiex jiġu żviluppati kemm id-dimensjoni tal-Lvant kif ukoll dik tan-Nofsinhar f'formati bilaterali u multilaterali abbażi tal-komunikazzjonijiet u l-proposti rilevanti tal-Kummissjoni.
73. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza r-rilevanza strateġika tar-relazzjoni ta' l-UE mal-**pajjiżi tal-Mediterran** u jilqa' l-progress fl-iżvilupp tad-djalogu politiku u ta' sigurtà, fil-ħolqien ta' żona ta' prosperità kondiviża u fl-implimentazzjoni tas-sħubija soċjali, kulturali u umana skond il-konklużjonijiet tal-laqgħat ministerjali ta' l-affarijiet barranin kif ukoll foqasma importanti oħrajn bħall-migrazzjoni. Il-Kunsill Ewropew jilqa' lill-Albanija u lill-Mawritanja fil-Proċess ta' Barċellona.
74. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-prospetti biex jiġi konkluż Ftehim Qafas mal-Libja f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ottubru 2007, li għandhom jikkostitwixxu punt deċiżiv fl-iżvilupp ta' stadju ġdid fir-relazzjoni ta' l-UE ma' dan il-pajjiż tal-Mediterran, inkluż dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni.
75. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-progress miksub fl-ewwel laqgħa tal-**Kunsill Ekonomiku Transatlantiku** fid-9 ta' Novembru 2007 u jistenna bil-ħerqa aktar passi tanġibbli fit-tħejjija għas-Summit UE-US li jmiss.

76. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-dibattitu li sar u l-konklużjonijiet adottati fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni ta' Novembru dwar rispons ta' l-UE għas-**sitwazzjonijiet ta' fraġilità**, li jissottolinjaw l-importanza tal-governanza demokratika, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-ġlieda kontra l-faqar, b'kont meħud tal-ħtieġa għall-prevenzjoni u l-indirizzar ta' sitwazzjonijiet ta' fraġilità u li jiġu żviluppati strumenti biex jiġu żgurati risponsi aktar rapidi u aktar flessibbli sabiex isir progress fil-kisba ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju ta' l-aktar pajjiżi vulnerabbli.
77. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni biex sa April 2008 tipproduċi rapport dwar il-progress lejn l-**Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju** u dwar x'tista' tagħmel l-UE biex taċċellerah. Huwa ser jieħu rendikont fil-laqgħa tiegħu ta' Ġunju 2008.
78. Il-Kunsill Ewropew jilqa' b'ferħ l-adozzjoni ta' **Kunsens ta' l-UE dwar l-Għajnuna Umanitarja**, li ser ikun iffirmit fit-18 ta' Diċembru mill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew u sussegwentement għandu jkun żviluppat permezz ta' roadmap għall-azzjoni. Dan il-Kunsens ta' l-UE dwar l-Għajnuna Umanitarja ser jiggwida l-politika ta' l-UE dwar l-għajnuna umanitarja abbażi tal-prinċipji ta' imparzjalità, newtralità, umanità u indipendenza.
79. Il-Kunsill Ewropew jibqa' serjament preokkupat dwar is-sitwazzjoni fil-**Burma/il-Mjanmar**. Huwa jtenni r-rwol dejjem importanti ta' l-ASEAN, l-Indja u ċ-Ċina u jilqa' d-dikjarazzjonijiet konġunti reċenti magħhom b'appoġġ tal-ħidma tan-NU li għaddejja mill-Mibgħut Speċjali Ibrahim Gambari u r-Relatur Speċjali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem Sergio Pinheiro. Il-ħatra tas-Sur Piero Fassino bħala Mibgħut Speċjali ta' l-UE għall-Burma/il-Mjanmar b'appoġġ għall-missjoni ta' bon offiċji tan-NU tissottolinja l-importanza li l-UE tagħti lit-titjib fis-sitwazzjoni fil-Burma/il-Mjanmar u l-proċess tan-NU.
80. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni tal-15 ta' Ottubru, il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid li l-UE tinsab lesta biex tirrevedi, temenda jew tirrinforza ulterjorment il-miżuri restrittivi kontra l-Gvern tal-Burma/il-Mjanmar fid-dawl ta' l-iżviluppi fil-post.

81. L-UE hija determinata li tassisti aktar lill-poplu tal-Burma/il-Mjanmar fil-mixja tiegħu lejn id-demokrazija, is-sigurtà u l-prosperità.
82. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid il-preokkupazzjoni profonda tiegħu dwar il-programm nukleari ta' l-**Iran** u jissottolinja li l-akkwist mill-Iran ta' kapaċità militari nukleari tkun inaċċettabbli. F'dan ir-rigward, huwa jiddeplora li l-Iran għadu ma kkonformax ma' l-obbligi internazzjonali tiegħu kif imtennjin fir-Riżoluzzjonijiet 1696, 1737 u 1747 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, biex jissospendi l-attivitajiet kollha relatati ma' l-arrikkiment u l-ipproċessar mill-ġdid sabiex terġa' tinkiseb il-fiduċja fin-natura kompletament paċifika tal-programm tiegħu.
83. Il-Kunsill Ewropew barra minn hekk jiddispjaċih li la r-Rappreżentant Għoli ta' l-UE, Javier Solana, wara d-diskussjonijiet tiegħu man-negożjatur nukleari Iranjan, u lanqas id-Direttur Ġenerali ta' l-IAEA, Mohamed El Baradei, ma rnexxielhom jirrapportaw eżitu pożittiv, b'mod partikolari dwar ir-rispett mill-Iran tal-ħtiġiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.
84. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Iran biex jipprovdi tveġibiet sħaħ, ċari u kredibbli lill-IAEA, sabiex jiġu riżolti l-kwistjonijiet kollha dwar l-attivitajiet nukleari ta' l-Iran, biex jirratifika u jimplimenta l-Protokoll Addizzjonali u biex jimplimenta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Komprensiv ta' Salvagwardja inklużi l-arranġamenti sussidjarji tiegħu. Huwa jenfasizza li t-twettiq ta' dawn l-azzjonijiet u l-miżuri ta' trasparenza kif mitlub mill-IAEA jikkostitwixxu pass pożittiv lejn il-bini tal-fiduċja fir-rigward tal-programm nukleari ta' l-Iran.
85. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ sħiħ u inekwivokabbli tiegħu għall-isforzi biex tinstab soluzzjoni negożjata għall-perijodu fit-tul għall-kwistjoni nukleari Iranjana u jissottolinja li l-proposti ppreżentati mir-Rappreżentant Għoli fis-6 ta' Ġunju 2006 jagħtu lill-Iran dak kollu li jeħtieġ biex jiżviluppa industrija ta' l-enerġija nukleari ċivili filwaqt li jiġu indirizzati l-preokkupazzjonijiet internazzjonali.

86. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ sħiġ tiegħu għall-ħidma fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jiġu adottati miżuri ulterjuri skond l-Artikolu 41, il-Kapitolu VII, tal-Karta tan-NU, u jfakkar li, b'segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni dwar l-Iran fil-15 ta' Ottubru, bdiet konsiderazzjoni dwar miżuri addizzjonali li jistgħu jittieħdu b'appoġġ għall-proċess tan-NU u l-oġettivi kondiviżi tal-komunità internazzjonali. Fid-dawl tad-deċiżjonijiet li suppost għandhom jittieħdu dalwaqt mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, il-Kunsill Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni li jmiss ser jiddeċiedi x'azzjoni ser tiegħu l-UE.
87. Il-Kunsill Ewropew jesprimi l-appoġġ sħiġ tiegħu għan-negozjati bejn il-Palestinjani u l-Iżraeljani mnedija fil-Konferenza ta' **Annapolis** u li tkomplew fil-Konferenza tad-Donaturi ta' Pariġi.
88. Il-Kunsill Ewropew huwa ferm preokkupat dwar is-sitwazzjoni fil-**Libanu**. Huwa jqis li d-dewmien fl-elezzjoni tal-President tar-Repubblika huwa mimli perikoli. Il-Kunsill Ewropew jingħaqad mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-tentattiv li jikkonvinċi lill-partijiet kollha kkonċernati biex jagħmlu hilitom biex jirrispettaw il-proċess kostituzzjonali Libaniż.
89. L-UE hija estremament preokkupata dwar l-eskalazzjoni militari fil-**Kongo tal-Lvant** u t-tbatija konsegwenti għall-popolazzjoni ċivili. Huwa jappella għal tmiem immedjat għall-ostilitajiet u jfakkar lill-partijiet kollha li m'hemm ebda soluzzjoni militari għall-problema. Il-Kunsill Ewropew itenni l-fiduċja tiegħu fil-MONUC biex twettaq bis-sħiġ ir-rwol tagħha fil-post bil-ħsieb li r-reġjun jiġi stabbilizzat mill-iktar fis possibbli.
90. L-**Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà** adottata fl-2003 tat prova ta' utilità kbira. Hija tagħti lill-Unjoni l-qafas rilevanti għall-politika esterna tagħha. Fid-dawl ta' l-iżviluppi kollha li saru minn dak iż-żmien 'il hawn, b'mod partikolari l-esperjenzi miksubin mill-missjonijiet tal-PESD, il-Kunsill Ewropew jistieden lis-SĠ/RĠ, b'assoċjazzjoni shiġha mal-Kummissjoni u b'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, biex jeżamina l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija bil-ħsieb li jipproponi elementi dwar kif tista' titjieb l-implimentazzjoni u, skond il-każ, elementi li jikkumplementawha, għall-adozzjoni mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2008.

DIKJARAZZJONI TA' L-UE DWAR IL-GLOBALIZZAZZJONI

Il-globalizzazzjoni qed tiddefinixxi ħajjitna dejjem aktar billi trawwem l-iskambju ta' persuni, merkanzija, servizzi u ideat u billi toffri **opportunitajiet** ġodda liċ-ċittadini u għan-negozju. Il-flussi akbar fil-kummerċ u t-tkabbir ekonomiku żiedu l-prosperità, u b'hekk ġew ittrasformati l-istili ta' ħajja taċ-ċittadini Ewropej u tneħħew miljuni ta' nies madwar id-dinja mill-faqar. Iżda l-globalizzazzjoni ġġibna wkoll quddiem **sfidi** ekonomiċi, soċjali, ambjentali, ta' l-enerġija u ta' sigurtà ġodda.

Aħna għandna l-għan li **nimmudellaw il-globalizzazzjoni** fl-interessi taċ-ċittadini kollha tagħna, abbażi tal-valuri u l-prinċipji komuni tagħna. Għal dan anke l-Unjoni mkabbra ma tistax taġixxi waħedha. Jeħtieġ li aħna nimpenjaw lill-imsieħba internazzjonali tagħna f'kooperazzjoni strateġika mtejbja u naħdmu flimkien f'organizzazzjonijiet multilaterali aktar b'saħħithom. It-Trattat ta' Lisbona, fl-istabbiliment ta' qafas istituzzjonali rriformat u dejjiemi jtejjeb il-kapaċità tagħna li nwettqu r-responsabbiltajiet tagħna, filwaqt li nirrispettaw il-prinċipji ċentrali miġbura fid-dikjarazzjoni ta' Berlin. Dan ser iwassal għal aktar konsistenza fl-azzjoni esterna tagħna.

Il-linji ta' politika interni u esterni ta' l-Unjoni jridu jiġu użati sabiex jirrispondu għall-opportunitajiet u l-isfidi tal-globalizzazzjoni. Irridu nipproduċu riżultati **fl-Istrateġija ta' Lisbona dwar it-Tkabbir u l-Impjiegi** u niżviluppaw ulterjorment l-erba' libertajiet fis-Suq Intern filwaqt li niżguraw dimensjoni soċjali b'saħħitha u rispettu għall-ambjent. Dan ser isaħħaħ kemm il-kapaċità ta' l-Istati Membri li jikkompetu f'dinja globalizzata kif ukoll iżid l-abbiltà kollettiva ta' l-Unjoni biex issegwi l-interessi u l-valuri tagħha fid-dinja. Aktar riformi fil-livelli nazzjonali u Komunitarju jibqgħu essenzjali għal suċċess ekonomiku fuq perijodu fit-tul. Għandu jissaħħaħ l-investiment fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni bħala promotur ċentrali għat-tkabbir u l-impjiegi u biex jiġi żgurat li kulħadd jibbenefika mill-opportunitajiet tal-globalizzazzjoni.

L-UE qablet dwar impenji tassew ambizzjużi **dwar il-bidla fil-klima u l-enerġija** fil-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007. Aħna ser nipproduċu riżultati fuq il-wegħdiet tagħna u ser nuru tmexxija globali f'dawn l-oqsma. Iżda nafu li mingħajr imsieħba ewlenin li jitrattaw l-isfidi tal-bidla fil-klima magħna, l-isforzi tagħna jibqgħu mhux kompluti. L-Unjoni tinsisti dwar il-hteġa għal ftehim globali u komprensiv għal wara l-2012 li jinvolti notevolment l-Istati Uniti, ir-Russja, iċ-Ċina, l-Indja u l-Brażil, li għandu jiġi miftiehem mhux aktar tard mill-2009. Aħna ser nużaw ir-relazzjonijiet bilaterali tagħna biex nippromwovu r-riċerka konġunta u l-kooperazzjoni teknika. Għandna nfittxu wkoll modi ta' kif inżidu l-assistenza għall-iżvilupp fil-qasam ambjentali u ser naħdmu lejn iż-żieda fir-rwol ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali f'dawn il-kwistjonijiet.

Linji ta' politika makroekonomiċi konsistenti u **swieq finanzjarji** stabbli huma vitali għal tkabbir ekonomiku sostnut. L-euro diġà għandha rwol ewleni għall-istabbiltà u t-tkabbir fl-ekonomija globali. L-UE hija suq finanzjarju globali ewleni, li tibbenefika minn suq uniku għas-servizzi finanzjarji u qafas superviżorju sod. Hija trid tkompli l-ħidma kemm ġewwa l-UE kif ukoll fil-fora internazzjonali rilevanti sabiex jitjiebu l-oqfsa prudenzjali u t-trasparenza tas-swieq finanzjarji.

L-Unjoni dejjem ippromwoviet **kummerċ** ħieles u ftuħ bħala mezz biex trawwem it-tkabbir, l-impjiegi u l-iżvilupp għaliha nnifisha u l-imsieħba kummerċjali tagħha u għandha l-intenzjoni li tkompli tiegħu t-tmexxija f'dan il-qasam. Aħna ser inkomplu naħdmu għal ftehim bilanċjat u globali fl-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha kkomplementat minn ftehim bilaterali. Id-djalogi ma' l-imsieħba kummerċjali ewlenin, bħal dak li ser iseħħ fil-kuntest tal-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku, bdew jgħinu biex jiġu meġhluha l-ostakoli mhux tariffarji għall-kummerċ u l-investment. L-Unjoni Ewropea ser tinsisti fuq swieq dejjem aktar miftuħa li għandhom iwasslu għal benefiċċji reċiproċi. Għal dan l-għan, l-imsieħba tagħna jridu juru wkoll disponibbiltà, abbażi ta' regoli maqbula internazzjonalment, partikolarment fir-rigward ta' kompetizzjoni ġusta u l-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intelletwali. Fid-dawl ta' dan, l-UE tinsab lesta biex tassisti l-imsieħba kummerċjali u ta' investment tagħha fit-trawwim ta' standards globali u partikolarment biex tappoġġa l-bini ta' kapaċità f'pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Aħna ser inkomplu naħdmu ma' l-imsieħba tagħna biex insegwu strateġiji għall-iżvilupp **vigorużi u koerenti**. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha diġà huma bil-bosta d-donatur ewlieni ta' l-Assistenza għall-Iżvilupp u Għajnuna Umanitarja Uffiċjali fid-dinja. Aħna ser nipproduċu riżultati fl-impenji tagħna fil-qafas ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u nistennu li l-oħrajn jagħmlu l-istess. Jibqgħu kruċjali wkoll il-promozzjoni tax-xogħol deċenti u l-indirizzar tal-problema ta' mard komunikabbli u kwistjonijiet ta' saħħa globali. Infakkru li r-rispett għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-ugwaljanza bejn is-sessi huwa fundamentali għal żvilupp sostenibbli.

L-UE trid tkun lesta biex tikkondividi r-responsabbiltà għall-**istabbiltà u s-sigurtà globali**. L-użu effiċjenti ta' strumenti u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet tal-Politika Ewropea u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża ser jippermettu lill-Unjoni li jkollha parti dejjem akbar fil-bini ta' dinja aktar sigura. L-Unjoni hija impenjata għal multilateraliżmu effettiv u organizzazzjonijiet internazzjonali b'saħħithom, b'ibda min-NU. It-trattament ta' sfidi għas-sigurtà, bħat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u l-Istati fraġli, ser jibbenefika mill-promozzjoni kontinwa u soda tagħna ta' l-istat tad-dritt. Fl-istess ħin, aħna ser insegwu l-programm intern komuni tagħna għal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, waqt li nissodisfaw l-aspettattivi taċ-ċittadini tagħna għas-salvagwardja tas-sigurtà u d-drittijiet tagħhom.

Fl-era tal-globalizzazzjoni, il-**migrazzjoni** hija sfida ta' natura globali iżda ta' impatt prinċipalment reġjonali. Qed niżviluppaw politika Ewropea komprensiva dwar il-migrazzjoni ulterjorment sabiex tiġi promossa l-integrazzjoni, tiġi ġestita l-migrazzjoni legali u tiġi miġġielda l-immigrazzjoni illegali. B'hekk inkunu nistgħu nilqgħu għall-isfidi u ngawdu l-benefiċċji li migrazzjoni ġestita tajba tista' ġġib għall-UE kif ukoll għal pajjiżi terzi.

L-Unjoni Ewropea hija l-akbar suq fid-dinja u attur globali ewlieni fil-promozzjoni tal-paċi u l-prosperità. Aħna ddeterminati li nibqgħu hekk, għall-benefiċċju taċ-ċittadini tagħna u l-persuni fid-dinja kollha. Flimkien, ser niżguraw li l-globalizzazzjoni tkun sors ta' opportunità aktar milli theddida. Għal dan, ser inkomplu nibnu **Unjoni aktar b'saħħitha għal dinja aħjar**.